**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2023/0211(COD)**

9.2.2024

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0368 – C9-0214/2023 – 2023/0211(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Stefan Berger

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2023)0368 – C9-0214/2023 – 2023/0211(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023))0368,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0214/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Ottubru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 41 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 2024/669 of 12.1.2024.
[2] ĠU C, C/2023/878, 08.12.2023.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar il-forniment ta' servizzi ***tal-euro diġitali*** minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | dwar il-forniment ta' servizzi ***tal-Euro Diġitali*** minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |
| | [Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha titlob bidliet korrispondenti fit-test kollu] |

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-fornituri kollha ta' servizzi ta' pagament, kemm jekk inkorporati fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro kif ukoll fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, ikunu jistgħu jiddistribwixxu l-euro diġitali u għalhekk jeżerċitaw il-libertà tagħhom li jipprovdu servizzi fl-Unjoni. Il-forniment ta' servizz ta' pagament bl-euro diġitali mill-fornituri kollha tas-servizzi ta' pagament jikkontribwixxi għal livell għoli ta' innovazzjoni, jiffaċilita l-pagamenti u jżid il-kompetizzjoni madwar l-Unjoni u huwa meħtieġ biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-suq uniku. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri kollha tas-servizzi ta' | (3) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-fornituri kollha ta' servizzi ta' pagament, kemm jekk inkorporati fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro kif ukoll fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, ikunu jistgħu jiddistribwixxu l-euro diġitali u għalhekk jeżerċitaw il-libertà tagħhom li jipprovdu servizzi fl-Unjoni. Il-forniment ta' servizz ta' pagament bl-euro diġitali mill-fornituri kollha tas-servizzi ta' pagament jikkontribwixxi għal livell għoli ta' innovazzjoni, jiffaċilita l-pagamenti u jżid il-kompetizzjoni madwar l-Unjoni u huwa meħtieġ biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-suq uniku. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri kollha tas-servizzi ta' |

| | |
|---|---|
| pagament inkorporati fl-Unjoni jkunu f'pożizzjoni li jiddistribwixxu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bl-istess kundizzjonijiet lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu fetħu ***kont*** tal-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx jirrisjedu jew stabbiliti f'tali Stati Membri, u lill-viżitaturi fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jkunu wkoll f'pożizzjoni li jiddistribwixxu l-euro diġitali lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra residenti jew stabbilita fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u f'pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fi kwalunkwe pajjiż terz soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) [daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali – COM(2023) 369 final]. | pagament inkorporati fl-Unjoni jkunu f'pożizzjoni li jiddistribwixxu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bl-istess kundizzjonijiet lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu fetħu ***portafoll*** tal-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx jirrisjedu jew stabbiliti f'tali Stati Membri, u lill-viżitaturi fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jkunu wkoll f'pożizzjoni li jiddistribwixxu l-euro diġitali lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra residenti jew stabbilita fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u f'pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fi kwalunkwe pajjiż terz soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) [daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali – COM(2023) 369 final]. |
| | Or. en |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu fetħu ***kont*** tal-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx jirrisjedu jew ma għadhomx stabbiliti f'tali Stati Membri; | (b) persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu fetħu ***portafoll*** tal-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx jirrisjedu jew ma għadhomx stabbiliti f'tali Stati Membri; |
| | Or. en |